MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Numru. 1440/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J. Abdilla]**

**vs**

**Martin (Martin Joseph) Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin (Martin Joseph) Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 13479(M) .

Akkuzat talli fis-16 ta’ Awissu 2010 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

1. ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali jew weghdiet; jew ta istruzzjonijiet biex isir delitt; jew b’xi mod li jkun, xjentament, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-

delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza;

Il-Qorti hija mitluba li sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi,
i. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
ii. tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkuz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat ;

Illi ghalkemm hemm hafna dubji li hargu mix-xhieda li jinducu li hemm xi irregolaritajiet fil-licenzja inkwistjoni b'mod partikolari fl-istqarrija tal-imputat fejn kwazi ma ftakar xejn ta' kif gab il-licenzja tal-mutur u x-xhieda ta' Brian Farrugia li xehed li ma sabx records li l-imputat qatt ghamel test tat-teorija jew tal-prattika, il-prosekuzzjoni riedet madanakollu tipprova li kien hemm xi tip ta' kolluzjoni bejn l-imputat u xi terza persuna sabiex din l-akkuza tigi ppruvata.

Illi l-unici persuni li setghu jitfghu ftit ta' dawl kienu Mandy Carbone li ghazlet li ma tixhidx jew Francis Catania li lanqas biss ittella' bhala xhud.

Illi ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 42(a), (b) u (c) u 185(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi illi l-prova ta' komplicita` ma gietx ippruvata propju ghal din ir-raguni u ghalhekk qed tillibera lill-imputat Martin (Martin Joseph) Galea mill-akkuza kif dedotta kontrih.

Finalment qed tordna r-rilaxx favur l-imputat tal-licenzja tas-sewqan esebita a fol 22 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------